# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 471/2017

**Il-Pulizija**

**vs**

**Christabel Zerafa**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanta, Christabel Zerafa, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 316986M akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu gewwa l-Gzejjer Maltin b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat naqset li taghti lil Nicholas Farrugia, is-somma ta' €300 kull erba' gimghat, iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedha u/jew zewgha, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-8 ta' Novembru, 2017 li biha sabet lill-imputata hatja u kkundannatha ghal xahar prigunerija;

Rat ir-rikors ta' Christabel Zerafa, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Novembru, 2017, li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka din is-sentenza u minflok ma ssibhiex hatja ta' din l-imputazzjoni u tilliberaha minnha;

Rat l-aggravji tal-appellanta;

Semghet lix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma semplicement, ghalkemm b'konsegwenzi xejn semplici u felici, li l-appellanta naqset milli thallas dak l-ammont ta' manteniment lil zewgha iffisat mill-Qorti ghat-trobbija ta' binhom. Quddiem din il-Qorti, il-kwerelant xehed illi l-appellanta hallset l-ammont minnha dovut u li dwaru instabet hatja. L-appellanta tattakka s-sentenza appellata b'zewg gravami: l-ewwel wiehed jirrigwarda n-nullita tas-sentenza u t-tieni jindirizza l-piena erogata mill-ewwel Qorti. Dan l-appell izda jippresta diffikulta' serja ghaliex filwaqt illi t-tieni aggravju huwa dwar il-piena bl-argument li din hija wahda sproporzjonata u eccessiva it-talba fir-rikors hija biss ghat-thassir tas-sentenza u l-liberazzjoni mill-imputazzjoni. L-appellanta ma taghmel ebda talba ghal-varjazzjoni fil-piena u dan

ilissen id-diffikulta appena riskontrata fejn il-parti jista' jkun li ikollha thallas ghall-izball tal-legali taghha. Dan qed ikun ventilat ghall-aktar attenzjoni fir-redazzjoni tar-rikorsi tal-appell fil-futur anka jekk il-kwistjoni llum il-gurnata hija rizolta bl-emenda tal-artikolu 520(1)(c) tal-Kodici Kriminali bl-Att I.2018;

2. Issa, kwantu l-ewwel aggravju koncernanti n-nullita tas-sentenza, l-appellanta m' ghandhiex ragun. Kif minnha lamentat, l-unika forma ta' sentenza li setghet taghmel referenza ghaliha qabel ghalaq it-terminu tal-appell kienet dik notata fuq il-komparixxi bil-firma tal-Magistrat decident: "Il-Qorti; Rat l-imputazzjonijiet; Rat id-dokument; Semghet il-provi: Rat l-Artikoli indikati: Xahar Prigunerija". Din pero', sa issa almenu, dejjem kienet meqjusa bhala notament tal-Magistrat ghaliex is-sentenza hija dik esebita in atti dattilografata u ffirmata mir-Registratur u din tikkontjeni l-elementi kollha rikjesti mill-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali fejn ir-riproduzzjoni tal-imputazzjoni titqies bhala esposizzjoni tal-fatti u ma hemmx htiega li l-Qorti tghid ghaliex qed issib htija. Dan gia huwa rifless fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Albert Caruana App Krim 120/2015 tat-30.1.2017 u ma tressqet ebda raguni ghaliex din il-kwistjoni ghandha tkun mistharrga mill-gdid;

3. Dak li hu preokkupanti, anke jekk sa issa ma jipotizza ebda nullita, hu li l-parti ma tinghatax kopja ufficcjali tas-sentenza fit-terminu koncess ghall-introduzzjoni tal-appell, ilment dan ta' spiss mlissen u li jehtieg li jkun rettifikat mill-aktar fis;

4. Issa, kwantu t-tieni aggravju, din il-Qorti semghet kif mid-data tas-sentenza, igifieri 8 ta' Novembru, 2017 sa l-ewwel appuntament quddiem din il-Qorti,18 ta' Jannar, 2018 l-appellanta hallset il-manteniment minnha dovut minkejja il-mard li ssofri minnu u l-

inkapacita' taghha li tahdem kawza tal-istess mard u dizordini. Il-Qorti ma tarax illi wara dan l-isforz l-appellanta ghandha tkun penalizzata ulterjorment, aktar u aktar meta l-piena hija wahda ta' prigunerija ghal xahar. Il-parti mghandiex tistenna li din il-Qorti toqghod tinterpreta x'riedet tghid bit-talba taghha ghaliex it-talba ghandha tkun wahda semplici kif ravvizata fl-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali igifieri talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza anke jekk maz-zmien dahlet il-prassi li jintuza kliem bhala "thassar, tirrevoka u tannulla" li ma jmurx il-gudikant jahseb li l-kelma "thassir" ma tinkorporax xi wahda minn dawn tal-ahhar. L-istess jinghad ghall-kliem "tibdel, tvarja jew temenda" ghal-kelma "tibdel". Il-kliem tal-Kodici huwa car u ghalhekk ma tistax din il-Qorti ma tissollecitax uzu ghall-istess minghajr varjanzi originali u innovattivi li jista' biss igib mieghu kwistjonijiet ferm aktar komplessi;

5. Ventilat dan dwar il-kwistjoni hawn devoluta, din il-Qorti qed tara fit-talba tar-rikorrenti sejha ghat-thassir ta' dik il-parti tas-sentenza li biha kienet ikkundannata ghal-xahar prigunerija. Issa ghalkemm ma huwiex normali li din il-Qorti *qua* Qorti tal-Appell Kriminali, tissostitwixxi id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm din ma tkunx 'l hinn mill-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddemostra li l-piena kellha tkun anqas jew aktar minn dik kominata. Fil-kaz odjern, izda, la darba sar il-hlas mitlub ghandu jitqies li jkun milhuq l-iskop tal-legislatur kif postulat fl-artikolu 338(zz) tal-Kodici Kriminali u ghalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena;

6. Ghal dawn il-motivi, tiddisponi minn dan l-appell billi filwaqt illi tikkonferma is-sentenza appellata kwantu din sabet lill-appellanta hatja tal-imputazzjoni kollha, li fil-fatt kienet imputazzjoni wahda u mhux tnejn, tibdilha f'dik il-parti li fiha kkundannatha ghal-xahar prigunerija u minflok tikkundannaha ghall-twiddiba.

Komunika ta' din is-sentenza lir-Registratur tal-Qorti Kriminali u Tribunali.